MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 1627/1999/1

Mario u Sonia konjuġi **MICALLEF** f’isimhom proprju u għan-nom ta’ binhom Karl

vs

Andrew **PALMIER**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-12 ta’ Lulju, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrek waħdu jaħti għall-inċident li seħħ f’Baħar iċ-Ċagħak fid-19 ta’ Diċembru, 1997, bejn il-vettura reġistrata BAP-167 misjuqa mill-attur sidha u dik

reġistrata PAL-100 misjuqa mil-istess imħarrek, u li fih korrew l-istess attur u bin l-atturi; (b) tillikwida d-danni mġarrba minnhom minħabba dak l-inċident, jekk meħtieġ billi taħtar perit għal dan il-għan; u (ċ) tikkundanna lill-imħarrek iħallshom is-somma hekk likwidata bħala danni bl-imgħaxijiet minn dak inhar li l-imħarrek laqa' n-notifika tal-istess Att taċ-Ċitazzjoni. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fit-30 ta' Novembru, 1999, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi ċaħad li kien b'xi mod ħati tal-ħabta, u qal li l-ħtija kienet jew tal-attur innifsu jew ta' waħda Abigail Mayo li dak il-ħin kienet qiegħda ssuq il-karozza reġistrata AAM-410 u li wkoll kienet involuta fl-istess ħabta. Għalhekk, qal li ma hemm l-ebda danni x'iħallas lill-atturi u li t-talbiet tagħhom ma jmisshomx jintlaqgħu;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tal-1 ta' Marzu, 2000[1] li bih il-partijiet qablu li l-provi f'din il-kawża u dawk fil-kawża fl-ismijiet "*Gasan Insurance Agency Limited vs Andrew Palmier*" (Ċitazz. Nru. 1723/99), ikunu jgħoddu għat-tnejn;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-23 ta' Ġunju, 2000[2], li bih ħatret lill-kirurgu Frederick Żammit Maempel bħala perit mediku biex jeżamina lill-attur Mario Micallef u biex jgħid jekk dan ibatix minn xi debilita' li ma tgħaddix u, f'dak il-każ, f'liema perċentwali;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-perit mediku msemmi fit-12 ta' Settembru, 2000[3], u minnu maħlufa waqt is-smigħ tal-20 ta' Novembru, 2000;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet u rat il-provi dokumentali mressqin minnhom;

Semgħet it-trattazzjoni estensiva tal-avukati tal-partijiet;

---

[1] Paġ. 13 tal-proċess
[2] Paġ. 87 tal-proċess
[3] Paġġ. 89 sa 91 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll dawk tal-kawża li kienet qiegħda tinstema' magħha;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għad-danni wara ħabta bejn żewġ vetturi. L-attur kien qed isuq vettura b'martu, wliedu u ħabibthom riekba miegħu fi Triq il-Kosta, Baħar iċ-Ċagħak, filwaqt li l-imħarrek kien ġej minn faċċata u saret il-ħabta. L-atturi jgħidu li kien l-imħarrek li waħdu jaħti għal dik il-ħabta u jrid jagħmel tajjeb għall-ħsara kollha li ġarrbu minħabba f'hekk. Jgħidu li kellhom ħsara bit-telf tal-vettura li l-attur kien qed isuq li ma tqiesx li kien jagħmel sens li tissewwa, nefqiet oħra marbuta mal-ħabta, u ġarrbu nuqqas ta' dħul minħabba l-ġrieħi li ġarrbu. Billi l-imħarrek baqa' jtenni li ma kienx jaħti għall-ħabta u naqas li jersaq għal-likwidazzjoni tad-danni mġarrbin minnhom, fetħu din il-kawża;

Illi l-imħarrek laqa' billi ċaħad li hu kien jaħti għall-imsemmija ħabta, u tenna li l-ħtija kienet jew tal-attur Micallef innifsu jew ta' sewwieqa oħra, waħda Abigail Mayo, li kienet qiegħda ssuq wara Micallef u li wkoll kienet involuta fil-ħabta. Minħabba f'hekk, qal li ma kellu jagħmel l-ebda ħlas ta' kumpens lill-atturi;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li fid-19 ta' Diċembru, 1997, għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija, fi Triq il-Kosta, Baħar iċ-Ċagħak (quddiem id-dar tal-irtiri *Porziuncola*), seħħet ħabta frontali bejn il-karozza tal-għamla *Opel Astra*, reġistrata BAP-167, tal-attur Mario Micallef, minnu misjuqa, u l-vettura tal-għamla *Peugeot 106*, reġistrata PAL-100, tal-imħarrek li dak il-ħin kienet misjuqa minnu. Mal-ħabta, l-karozza misjuqa mill-attur laqtet dik misjuqa minn Abigail Mayo, tal-għamla *Vauxhall Corsa*, reġistrata AAM-401, li kienet qiegħda tinsaq wara dik misjuqa mill-attur;

Illi l-karozzi misjuqa mill-attur u Mayo kienu neżlin mid-direzzjoni ta' Saint Andrews sejrin lejn Baħar iċ-Ċagħak, filwaqt li dik misjuqa mill-imħarrek kienet ġejja mid-direzzjoni opposta sejra lejn Saint Andrews;

Illi fil-karozza miegħu, l-attur kellu riekba lil martu Sonia, ibnu minuri Karl u ħabiba tagħhom jisimha Daniela Casha, fuq wara, filwaqt li bintu, tarbija jisimha Roberta, kienet riekba f'siġġu tat-tfal ħdejh, fuq quddiem. La l-imħarrek u lanqas Abigail Mayo ma kellhom lil ħadd riekeb magħhom fil-karozzi li kienu qegħdin isuqu dak il-ħin;

Illi t-triq fl-inħawi fejn seħħet il-ħabta hija dritta b'telgħa għal min ikun sejjer lejn Saint Andrews. Hija wiesgħa u tiflaħ erba' karozzi biswit xulxin. Dak iż-żmien tal-ħabta żewġ linji kontinwi kienu joforqu t-traffiku li jkun ġej u sejjer fiż-żewġ direzzjonijiet. Dak inhar tal-ħabta ma kienx maltemp u t-triq ma kinitx imxarrba b'xita jew biż-żlieq ta' nida[4]. Minħabba l-jum li kien u l-ħin x'ħin seħħet il-ħabta, kien dalam;

Illi mal-ħabta, l-karozzi ġarrbu ħsarat kbar. Dik misjuqa mill-attur kellu jitqatta' s-saqaf tagħha mill-membri tal-Protezzjoni Ċivili biex setgħu jinħarġu xi passiġġieri li nqabdu fil-karozza, fosthom l-istess attur. Il-karozza misjuqa mill-imħarrek Palmier ukoll ġarrbet ħsarat kbar, iżda dik misjuqa minn Mayo ma kellhiex ħsarat kbar daqs taż-żewġ vetturi l-oħrajn[5]. Għal xi ħin, it-triq kellha tingħalaq ukoll għat-traffiku[6];

Illi kull min kien fl-imsemmija tliet karozzi ttieħed l-isptar dak inhar, iżda l-attur, ibnu Karl u l-imħarrek ġarrbu ġrieħi gravi u nżammu l-isptar għall-kura, u għal xi ħin, l-attur Mario Micallef kien qed jilgħabha mal-mewt;

Illi minħabba n-natura tal-ħabta u l-ġrieħi mġarrbin, infetħet injesta Maġisterjali, u l-Maġistrat tal-Għassa, wara

---

[4] Dok "CM2", f'paġġ. 19 sa 19D tal-atti tal-kawża 1723/99JRM
[5] Ara d-Dokti "SM1" sa "SM3", f'paġġ. 63 – 5 tal-proċess
[6] Dok "CM1", f'paġ. 18 tal-atti tal-kawża 1723/99JRM

li mar fuq il-post, ħatar esperti biex jibnu rapport bir-riżultanzi;

Illi dak inhar tal-ħabta, l-attur kellu wieħed u tletin (31) sena[7], filwaqt li ibnu Karl kellu ħames (5) snin[8];

Illi l-karozza misjuqa mill-attur sarilha *survey* minn persuna mqabbda mill-kumpannija assikuratriċi u, għalkemm ma kienx ilha li nħarġet fuq it-triq, tqies li ma kienx ta' min isewwiha minħabba l-ħsarat estensivi li kellha. Il-karozza tal-attur kienet assikurata *fully comprehensive* u l-valur assikurat tagħha dak inhar tal-ħabta tqies. Dak il-valur, tneħħi l-eċċess ta' ħamsa u għoxrin lira Maltin (Lm 25), tħallas lill-attur mill-kumpannija assikuratriċi flimkien ma' somma oħra ta' ħamsa u sittin lira Maltin (Lm 65) bħala rifużjoni ta' xi jiem ta' kiri ta' karozza oħra. B'kollox, l-attriċi ħallset lill-attur Lm 5,565 jew tnax-il elf disa' mija u tlieta u sittin euro (€12,963) fi flus tal-lum[9];

Illi dak iż-żmien l-attur kien jaħdem bħala kap amministrativ jew *personnel officer* fil-qasam tad-dipartiment tar-reklamar ma' kumpannija li, fost oħrajn, kellha stamperija[10]. Sa qabel l-inċident, l-attur kien jagħmel ukoll xogħol *part time* mal-istess stamperija, iżda minħabba l-inċident u ż-żmien li ħa sa ma fieq[11], twaqqaf milli jkompli b'dak ix-xogħol[12]. Huwa nżamm fl-impieg tiegħu *full time*;

Illi fi Frar tal-1999, l-attur Karl Micallef sarlu eżami mediku dwar il-ġrieħi li kien ġarrab fl-inċident, fosthom merk fil-ħadd lemini, ieħor fuq gbinu, u ieħor fl-iskudella ta' rasu[13]. F'April tal-1999, l-attur Mario Micallef talab eżami mediku minn konsulent ortopediku[14] dwar il-ġrieħi li ġarrab f'irkobbtu x-xellugija, f'imnieħru u fi driegħu x-xellugi[15];

---

[7] Ara Dok "MMX", f'paġ. 108 tal-proċess
[8] Xhieda tal-attur 27.3.2000, f'paġ. 60 tal-proċess
[9] Xhieda ta' Hugh P Zammit 23.6.2000, f'paġ. 62 tal-atti tal-kawża 1723/99JRM
[10] Xhieda tal-attur 27.3.2000, f'paġ. 55 tal-proċess
[11] Dok "2" f'paġ. 33 tal-proċess
[12] Xhieda ta' Joseph Grima 27.3.2000, f'paġġ. 47 – 8 u 50 – 1 tal-proċess
[13] Dok "4", f'paġġ. 36 – 7 tal-proċess
[14] Dok "3" f'paġġ. 34 – 5 tal-proċess
[15] Xhieda tal-kirurgu Anthony Bernard 14.4.2000, f'paġ. 55 tal-atti tal-kawża 1723/99JRM

Illi l-kawża nfetħet f'Lulju tal-1999;

Illi għal dak li jirrigwarda r-responsabbilta' tal-ħabta, l-Qorti tqis li l-istħarriġ ta' din il-kwestjoni hija ta' siwi ewlieni għall-każ. Dan qiegħed jingħad għaliex fuq din id-determinazzjoni jħollu u jorbtu l-eżitu ta' żewġ kawżi – din u oħra li kienet qiegħda tinstema' magħha u li s-sentenza tagħha qiegħda tingħata minn din il-Qorti llum ukoll[16]. Minbarra dan, il-verżjonijiet taż-żewġ partijiet jinbnew it-tnejn fuq l-istess ġabra ta' fatti, iżda jwasslu għal żewġ verżjonijiet (jew aħjar, tifsiriet) differenti ta' dawk il-fatti, kif intwera waqt it-trattazzjoni tal-għeluq tal-każ;

Illi b'żieda mal-fatti mhux kontestati li ssemmew aktar qabel, din il-Qorti tara li l-verżjoni tal-atturi hija li l-imħarrek tilef il-kontroll tal-karozza misjuqa minnu u għal xi raġuni għadda lejn il-korsija li fuqha kien ġej it-traffiku li kien nieżel lejn Baħar iċ-Ċagħak u b'hekk ħabat mal-karozza misjuqa mill-attur. Min-naħa tiegħu, il-verżjoni tal-imħarrek hi li kien l-attur li qala' 'l barra mill-korsija tiegħu u sabu ma' wiċċu. Iż-żewġ partijiet, kif ingħad, jistrieħu fuq il-provi mressqa biex isostnu l-verżjonijiet rispettivi tagħhom;

Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli. Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu ta' min joqgħod fuqhom, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni[17]. Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas[18]. Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni

[16] Ċitazz. Nru. 1723/99JRM
[17] Ara, per eżempju, P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et***
[18] Ara, per eżempju, P.A. LFS **18.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.***

tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju[19]. Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha[20];

Illi l-punti li b'mod partikolari l-partijiet jikkontestaw huma: (a) dwar jekk fil-ħin u l-post li seħħet il-ħabta, kienx hemm traffiku ieħor nieżel u tiela' matul it-triq – l-atturi jgħidu li kien hemm, filwaqt li l-imħarrek jiċħad; (b) dwar jekk xi waħda mill-partijiet kenitx qalbet il-korsija li fuqha kienet qiegħda ssuq – l-atturi jixlu lill-imħarrek li għamel hekk, filwaqt li l-imħarrek jixli lill-attur u wkoll lis-sewwieqa li kienet nieżla wara dan; u (ċ) il-post fejn seħħet il-ħabta – l-atturi jgħidu li din seħħet sewwsew fil-qalba tal-korsija mnejn kien nieżel l-attur, waqt li l-imħarrek jisħaq li l-ħabta seħħet fuq il-*crown of the road*;

Illi, wara li qieset dan kollu, l-Qorti toħroġ bil-fehma sħiħa li l-ħtija waħdanija għall-ħabta hija tal-imħarrek Palmier, u dan minħabba sewqan perikoluż, b'mod traskurat, b'nuqqas ta' ħila;

Illi biex il-Qorti waslet għal din il-fehma qieset il-qagħda li tirriżulta tal-karozzi involuti fil-ħabta ma' xhieda li ngħatat dwar dak li seħħ ftit waqtiet qabel u dak li ġara minnufih malli seħħet il-ħabta. Għalkemm l-imħarrek jiċħad għal kollox li quddiemu, fid-direzzjoni li kien sejjer hu, kien hemm karozzi[21], l-atturi ressqu xhud li jagħtu verżjoni oħra[22]. Min-naħa l-oħra, l-imħarrek ressaq xhud li ċaħad li kien hemm xi traffiku ieħor fiż-żewġ direzzjonijiet għajr it-tliet karozzi nvoluti fil-ħabta u dik misjuqa minnu[23]. Il-Qorti fuq dan id-dettal, ma tħossx li tista' toqgħod fuq il-verżjoni tal-imħarrek u tal-imsemmi xhud tiegħu. Dan għaliex, tressqu provi li minn tal-anqas karozza oħra kienet

[19] App. Ċiv. **19.6.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe***
[20] App. Inf. **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et***
[21] Xhieda tiegħu 19.11.2003, f'paġ. 161 tal-proċess
[22] Xhieda ta' Mario Micallef 19.1.2000 f'paġ. 31 tal-atti tal-kawża 1723/99JRM u ta' Abigail Mayo 1.3.00 f'paġ. 26 tal-proċess
[23] Xhieda ta' Stephen Christopher Vella 19.5.2005, f'paġġ. 185 – 6 tal-proċess

qiegħda tinsaq quddiem dik tal-attur[24] u kien l-istess xhud tal-imħarrek li, fi ftit tal-ħin wara li niżel mill-karozza tiegħu biex jara jekk jistax jagħti daqqa t'id lill-midruba, stqarr li nġemgħu bosta nies li niżlu mill-karozzi li kienu qegħdin jinsaqu fuq it-triq fl-inħawi fejn seħħet il-ħabta;

Illi, madankollu, għall-Qorti lanqas jidher li huwa daqshekk determinanti jekk kienx hemm tassew karozzi oħrajn telgħin lejn Saint Andrews. Minn elementi ta' xhieda oħra li joħorġu mill-atti tal-kawża, jidher li l-imħarrek tilef il-kontroll tal-karozza. Fl-ewwel lok, jirriżulta sa minn kważi l-ħin tal-ħabta li, mill-verżjoni miksuba mill-Pulizija li marru fuq il-post tal-ħabta, l-imħarrek "*lost control of the vehicle witht the result that (he) collided with vehicle BAP-167*"[25]. Fit-tieni lok, hemm ix-xhieda tas-sewwieq li kien quddiem il-karozza misjuqa mill-attur[26] li saħansitra antiċipa li, bil-mod kif kienet qiegħda tinsaq il-karozza tal-imħarrek, kien ser jaħbat, u hekk tassew ġara. Dak is-sewwieq seħħlu jevadi l-karozza tal-imħarrek billi qaleb f'daqqa għax-xellug tiegħu, u l-ħabta saret mal-karozza li kienet ġejja warajh, jiġifieri dik misjuqa mill-attur. Fit-tielet lok, l-imħarrek innifsu jistqarr li kien tgħammex b'dawl qawwi għall-għarrieda li ma ħallielu l-ebda ħin jagħfas il-*brake*[27]. Fir-raba' lok, hemm ix-xhieda tas-sewwieqa l-oħra li kienet involuta fil-ħabta li qalet li l-karozza misjuqa mill-imħarrek kienet "mitlufa mill-kontroll qed isserrep"[28], tiela' b'ħeffa qawwija faċċata tagħha[29], filwaqt li l-karozza li kienet qiegħda tinsaq quddiemha (dik tal-attur) baqgħet il-ħin kollu fuq in-naħa t-tajba tat-triq sakemm qalet id-daqqa bil-karozza misjuqa mill-imħarrek[30];

Illi huwa miżmum li kull sewwieq jeħtieġlu jikko-ordina s-sewqan tiegħu ma' dak ta' traffiku ieħor li jkun fl-inħawi[31]. Dan id-dmir irid iħarsu flimkien mad-dmirijiet l-oħrajn li jrid iżomm kontroll tajjeb tal-vettura li jkun qed isuq, u li jagħraf jinnota dak kollu li qed iseħħ madwaru (il-"*proper*

[24] Xhieda ta' Marthese Ċefai 20.6.2001, f'paġġ. 125 tal-atti tal-proċess
[25] Dok "CM1", f'paġ. 18 tal-atti tal-kawża 1723/99JRM
[26] Xhieda ta' Edmond Ċefai 19.1.2000, f'paġ. 36 tal-atti tal-kawża 1723/99JRM
[27] Xhieda tiegħu fl-inkjesta u fil-Qorti 3.6.2003, f'paġġ. 83 u 160 tal-proċess
[28] Xhieda tagħha fl-inkjesta f'paġ. 82 tal-proċess
[29] Xhieda tagħha 1.3.2000, f'paġġ. 20, 22 tal-proċess
[30] *Ibid.* f'paġġ. 27 – 8 tal-proċess
[31] App. Inf. **16.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Gasan Insurance Agency Ltd vs Francis Falzon***

*look-out*”). Il-fatt waħdu li sewwieq ikun jinsab fuq il-*crown of the road* jew saħansitra fuq in-naħa l-ħażina tat-triq, ma huwiex fattur deċiżiv ta’ ħtija ta’ dak is-sewwieq[32]. Hekk ukoll huwa stabilit li l-ħabta frontali ta’ żewġ vetturi mingħajr ebda spjegazzjoni titfa’ fuq iż-żewġ sewwieqa nvoluti ħtija ndaqs għal dik il-ħabta[33]. Iżda meta sewwieq ta’ karozza jitlef il-kontroll tagħha u jaħbat ma’ traffiku li jkun ġej mid-direzzjoni l-oħra ikun ġeneralment ifisser li jkun qed isuq ħażin b’mod li “jinkwadra ruħu fil-kuntest tas-sewqan perikoluż”[34]. Bl-istess mod jingħad li għalkemm is-sewqan b’ħeffa jew b’mod eċċessiv, waħdu, ma jwassalx għas-sejbien ta’ ħtija, irid jittieħed b’qies jekk kemm-il darba jirriżulta li jkun il-fattur determinanti u konkomitanti tal-ħabta li tiġri minħabba fih[35]. Meta mbagħad, bħalma seħħ f’dan il-każ, sewwieq jistqarr li kien mgħammex b’dawl ta’ karozza oħra, dan tabilfors iżid l-element tan-nuqqas ta’ kontroll tal-karozza minnu misjuqa u tal-kobor tal-periklu li s-sewqan b’ħeffa tiegħu ħalaq għalih innifsu u lill-oħrajn;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, dawn l-elementi jwasslu għad-determinazzjoni tal-ħtija tal-imħarrek u tal-ħelsien minn kull ħtija tal-attur;

Illi l-imħarrek ma fisser bl-ebda mod għaliex, fil-fehma tiegħu, taħti għall-ħabta s-sewwieqa Abigail Mayo kif huwa jallega fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu. Fis-sewwa, l-Qorti ma sabet l-ebda element tajjeb li fuqu tista’ tasal għall-fehma tal-ħtija ta’ dik is-sewwieqa. Il-fatt li l-imħarrek fl-ebda waqt ma sejħilha fil-kawża tista’ tixhed nuqqas ta’ konvinzjoni min-naħa tiegħu dwar dik ix-xilja wkoll;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li l-ewwel talba attriċi hija mistħoqqa u sejra tilqagħha, filwaqt li ma ssibx li

---

[32] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Schembri vs Isabel Bajada*** (mhix appellata)
[33] P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Farruġia et vs Pawlu Mifsud*** (mhix appellata)
[34] App. Krim. JGD **20.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Neville John Psaila***
[35] P.A. JSP **23.3.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Stanley vs Żahra*** (Kollez. Vol: **LXXVII.iii.93**) u App. Ċiv. **15.1.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonello vs Baldacchino*** (Kollez. Vol: **LXXXI.i.162**)

l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek hija tajba u sejra twarrabha;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa għal-**likwidazzjoni tad-danni mitluba** mill-atturi u li l-imħarrek irid jagħmel tajjeb għalihom. L-atturi qegħdin jitlobu danni taħt żewġ għamliet – it-telf imġarrab u t-telf ta' qligħ għall-ġejjieni minħabba l-ġrieħi mġarrba minnhom. Fil-każ tal-lum, saru pretensjonijiet ta' ġrieħi dejjiema fuq l-attur Mario Micallef u fuq bin l-atturi Karl. Għalhekk, f'dak li għandu x'jaqsam ma' telf ta' qligħ għall-ġejjieni, l-pretensjonijiet huma dwar dawk iż-żewġ atturi. Minkejja dan, saret biss ħatra waħda ta' perit wieħed u dan fir-rigward tal-attur Mario Micallef;

Illi bħala spejjeż minfuqa (***damnum emergens***) jew telf ieħor b'riżultat tal-ħabta, l-atturi jippretendu kumpens taħt għadd ta' rjus li jinsabu mniżżla fi prospett imressaq mill-attur[36] u minnu maħlufa quddiem il-Qorti[37]. L-imħarrek ma jidhirx li ikkontesta qatt dawk in-nefqiet, u l-Qorti tqis li filwaqt li wħud minnhom huma msaħħa b'dokumentazzjoni u riċevuti, oħrajn jidhru li huma raġonevoli u jintrabtu mal-fatt tal-ħabta mertu tal-każ. Dawn in-nefqiet jitilgħu għal Lm 1034.07, li jġibu elfejn erba' mija u tmien euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€ 2,408.75) fi flus tal-lum;

Illi l-Qorti qiegħda tillikwida dik is-somma bħala kumpens mistħoqq tan-nefqiet magħmula u li jrid jagħmel tajjeb għalihom l-imħarrek;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**likwidazzjoni ta' telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*)**, dawn jintrabtu mal-ġrieħi li ma jfiqux li ġarrbu l-atturi Mario u Karl Micallef;

Illi <u>fil-każ tal-attur Mario Micallef</u>, ħareġ li l-perit mediku mqabbad mill-Qorti sab li dan ġarrab debilita' parzjali li ma tgħaddix fil-grad ta' seba' fil-mija (7%)[38]. Dan huwa sewwasew il-grad ta' debilita' li sab il-konsulent imqabbad mill-istess attur *ex parte* tlitt xhur qabel fetaħ il-kawża. Hawn ukoll, l-imħarrek ma ressaq l-ebda kontestazzjoni

[36] Ara Nota f'paġ. 66 tal-proċess
[37] Xhieda tiegħu 14.4.2000, f'paġ. 75 tal-proċess
[38] Rapport f'paġġ. 89 sa 91 tal-proċess

għall-grad ta' debilita' stabilit u lanqas ressaq xi sottomissjonijiet f'dan ir-rigward, u dan għaliex jidher li rabat il-każ kollu tiegħu mal-kwestjoni tan-nuqqas ta' ħtija tiegħu għall-ħabta;

Illi fil-każ tal-attur Karl Micallef, li dak inhar tal-ħabta kien għadu taħt l-eta', la ntalab u lanqas inħatar espert mediku minn din il-Qorti, tul iż-żmien kollu li l-kawża kienet qiegħda tinstema' kemm mill-Qorti kif issa presjeduta u kif ukoll minn kif kienet presjeduta meta ħatret l-espert mediku. Madankollu, l-atturi ressqu prova ta' ħsara li ma tgħaddix f'dan l-attur mhux fis-sens ta' debilita' li naqqset is-saħħa tiegħu, iżda fis-sura ta' merk fil-wiċċ li ma jistax jinħeba u ma jitlaq qatt. L-atturi qabbdu espert *ex parte* li wasal għall-fehma li Karl ġarrab debilita' għal għomru ta' wieħed fil-mija (1%). L-attur missieru xehed ukoll li l-imsemmi merk ħalla effetti psikoloġiċi fuq ibnu[39];

Illi l-liġi nnifisha tagħti li tista' tinġieb xhieda permezz ta' espert tal-parti[40] u l-Qorti tista' tqis dik ix-xhieda bħalma tqis provi oħrajn, jekk kemm-il darba tkun fis-sura li trid l-istess liġi. Dwar l-aspett tal-ħsara estetika jew dik li tħalli efetti psikoloġiċi fuq il-persuna, jidher li din tista' tkun rilevanti għall-finijiet ta' diżabilita'[41] meta jirriżultaw minn "sintomi li tassew iħallu effetti fuq il-vittma, fuq is-setgħat tiegħu, fuq il-mod kif iħares lejh innifsu, u għalhekk, fuq il-kapaċita' tiegħu li jaħdem u jimxi 'l quddiem fix-xogħol tiegħu". Dan jingħad għaliex "debilita' permanenti ma kienx neċessarju li tkun waħda fiżika li timmenoma l-persuna fil-possibilitajiet tiegħu ta' xogħol minħabba limitazzjoni fil-funzjoni ta' xi organu. Setgħet ukoll tkun debilita' psikika li timmanifesta ruħha f'kundizzjoni li negativament tinfluwenza l-kapaċita' għax-xogħol tal-individwu. Li kien meħtieġ, pero' anke f'dan il-każ, hu li jiġi stabilit lil hinn minn kull dubju raġonevoli li tali debilita' kawżata minn debilita' psikika tkun direttament kawżata mill-inċident li għalih kien responsabbli l-konvenut, u inoltre, li d-disabilita' tkun waħda permanenti"[42]. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, u bi tħaddim ta' eżerċizzju li l-

39 Xhieda tal-attur 27.3.2000, f'paġ. 60 tal-proċess
40 Art. 563A tal-Kap 12
41 Ara, fost oħrajn, P.A. DS **14.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Falzon vs Sammut***
42 App. Ċiv. **15.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Sultana vs Anthony Abela Caruana***

Qrati s-soltu jwettqu f'każijiet ta' sfreġju "kosmetiku"[43], il-Qorti sejra toqgħod fuq il-fehma tal-espert imqabbad *ex parte* mil-atturi u tqis li l-attur Karl Micallef ġarrab debilita' ta' wieħed fil-mija (1%) minħabba fil-ħabta;

Illi, qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-atturi bħala kumpens għat-telf fil-ġejjieni, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi qiegħda tinbena. Il-kwestjoni tal-*multiplier* li normalment jintuża bħala meżż biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of* ***estimation in the light of the facts*** *of the particular case and of other comparable cases*"[44];

Illi huwa stabilit li l-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi[45], u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni. Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara[46], u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident[47], illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa

---

[43] Ara App. Ċiv. **12.10.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Emmanuel Sammut et vs Chief Government Medica Officer et***

[44] Peter Cane, *Atiyah's Accidents, Compensation and the Law* (6th Edit, 1999), paġ. 122

[45] App. Ċiv. **16.11.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri***

[46] App. Kumm. **26.7.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Buġeja noe et vs George Aġius et noe***

[47] Kumm. **11.7.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Aġius vs Joseph Galea et noe***

mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji[48], bil-ħsieb li kemm jista' jkun titħaddem ċerta uniformita' f'dan ir-rigward[49];

Illi, applikati dawn il-prinċipji għall-fatti riżultanti mill-atti tal-kawża, joħroġ li l-attur Mario Micallef kellu wieħed u tletin (31) sena meta seħħ l-inċident u, wkoll fid-dawl ta' dak li ngħad iżjed 'il fuq u b'qies ta' dawk li komunement jissejħu ċ-*chances and changes* tal-ħajja, il-Qorti sejra tqis *multiplier* ta' ħamsa u għoxrin (25) bħala applikabbli għall-każ tal-istess attur. Fil-każ tal-attur Karl Micallef, li kien għadu taħt l-eta' meta seħħ l-inċident, u bi tħaddim tal-istess regoli, l-*multiplier* se' jkun ta' ħamsa u tletin (35) minħabba li, sa ċertu żmien wara li seħħ l-inċident, l-istess attur ma kienx mistenni jidħol fid-dinja tax-xogħol;

Illi fil-każ tal-attur Mario Micallef, dan kellu impieg ewlieni *full time* u ieħor *part-time* li twaqqaf minn dak inhar tal-inċident. Fil-każ ta' dan tal-aħħar, id-dħul tiegħu gross kien ikun ta' tlitt elef sitt mija u erbgħa u tletin euro (€ 3,634) kull sena mill-anqas u kien isir bi ħlas b'imqieta. Fil-każ tal-impieg ewlieni tiegħu, dak iż-żmien tal-inċident kien jaqla' disa' mija u erbgħin euro (€ 940) fix-xahar gross, li jġibu ħdax-il elf mitejn u tmenin euro (€ 11,280) kull sena. Madankollu, b'kuntratt ta' mpieg ġdid għal żmien li jagħlaq li ngħata f'Ottubru tal-2000[50] l-attur ingħata salarju gross ġdid ta' ħdax-il elf disa' mija u tmienja u tletin euro (€ 11,938) flimkien ma' *allowance* ta' elfejn tliet mija u tletin euro (€ 2,330) fuq medda ta' sena;

Illi fid-dawl ta' dan kollu, u meta wieħed iqis il-*multiplier* li sejjer jitħaddem, it-telf tal-impieg *part-time* u ż-żjidiet li l-attur jkun jistħoqqlu jieħu maż-żmien, il-Qorti sejra tqis li d-dħul kull sena tal-attur Mario Micallef jixraq li jkun mibni fuq is-somma ta' tmintax-il elf euro (€ 18,000) kull sena;

---

[48] P.A. **15.6.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Karen Żimelli vs Michael Sammut*** ; P.A. RCP **25.1.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gordon Spiteri vs Waste Control Services*** Limited ;u App. Ċiv. **15.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef StJohn et vs Richard Spiteri et***

[49] Ara, per eżempju, P.A. LFS **11.2.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Ronnie Paċe vs George Camilleri*** (mhix appellata)

[50] Dok "XX1", f'paġġ. 95 – 8 tal-proċess

Illi, għalhekk, il-Qorti qegħda tqis li d-danni li ġarrab l-attur Mario Micallef bħala *lucrum cessans* jitilgħu għal wieħed u tletin elf u ħames mitt euro (€ 31,500) [(€ 18,000) x 0.07[51] x 35[52]]. Minħabba ż-żmien li ilha miexja l-kawża, il-Qorti ma jidhrilhiex li għandu jsir l-ebda tnaqqis mis-somma hekk likwidata;

Illi għal dak li jirrigwarda l-attur Karl Micallef, il-Qorti sejra timxi fuq kejl *boni viri* msejjes fuq il-paga minima nazzjonali kif toħroġ mil-liġi applikabbli[53] b'seħħ minn meta l-istess attur seta' legalment jidħol fid-dinja tax-xogħol[54]. Dan joħloq il-bażi ta' sebat elef u seba' mitt euro (€ 7,700) kull sena;

Illi għalhekk, il-Qorti qegħda tqis li d-danni li ġarrab l-attur Karl Micallef bħala *lucrum cessans* jitilgħu għal elfejn sitt mija u ħamsa u disgħin euro (€ 2,695) [(€ 7,700) x 0.01[55] x 35[56]]. Minħabba ż-żmien li ilha miexja l-kawża, il-Qorti ma jidhrilhiex li għandu jsir l-ebda tnaqqis mis-somma hekk likwidata;

Illi ma' dawn is-somom għandha tiżdied is-somma ta' elfejn erba' mija u tmien euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€ 2,408.75) likwidata aktar 'il fuq bħala *damnum emergens*. Dan iġib li l-atturi għandhom jirċievu s-somma ta' sitta u tletin elf, sitt mija u tliet euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€ 36,603.75) għas-saldu tad-danni minnhom imġarrba fl-inċident imsemmi bi ħtija tal-imħarrek;

Illi, fit-tielet talba tagħhom, l-atturi talbu li jitħallsu mgħaxijiet fuq is-somma likwidata b'seħħ minn dak inhar li l-imħarrek laqa' għandu n-notifika tal-atti tal-kawża. Il-Qorti ma tilqax din it-talba, u dan għaliex it-talba hija għal-likwidazzjoni tad-danni li baqgħu qatt identifikati ħlief f'dan il-waqt tal-kawża. Il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm raġuni tajba għaliex għandha twarrab ir-regola *in illiquidis non fit mora* jew li hemm xi ċirkostanza partikolari biex

[51] Jiġifieri is-7% grad ta' debilita' stabilit mill-perit mediku
[52] Il-*multiplier* applikat għall-każ
[53] A.L. 126 tal-1992 kif mibdul
[54] Mill-2008
[55] Jiġifieri il-1% grad ta' debilita' stabilit mill-perit mediku *ex parte*
[56] Il-*multiplier* applikat għall-każ

tiġġustifika t-tħaddim magħruf, imma eċċezzjonali, tal-eċċezzjoni ta’ regola bħal dik[57]. Għalhekk, l-imgħax fuq is-somma likwidata jrid jibda jgħaddi mil-lum;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa’ l-ewwel talba attriċi** billi ssib li l-imħarrek waħdu kien jaħti għall-ħabta li ġrat fi Triq il-Kosta, Baħar iċ-Ċagħak, nhar id-19 ta’ Diċembru, 1997, bejn il-karozza reġistrata PAL-100 misjuqa mill-imħarrek u dik reġistrata BAP-167 misjuqa mill-attur, u għall-ġrieħi li ma jgħaddux imġarrbin mill-atturi Mario u Karl Micallef fl-istess ħabta;

**Tilqa’ t-tieni talba attriċi** u tillikwida l-ħsara u d-dannu mġarrbin mill-atturi fis-somma ta’ sitta u tletin elf, sitt mija u tliet euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€36,603.75) li l-imħarrek irid jagħmel tajjeb għaliha kollha;

**Tilqa’ t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-atturi s-somma ta’ sitta u tletin elf, sitt mija u tliet euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€36,603.75), flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b’seħħ mil-lum, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas l-**ispejjeż tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[57] App. Inf. **12.3.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Sylvana Żammit et vs Middlesea Insurance p.l.c.***